

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 134

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51
23 ta' Mejju 2008

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 441/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix	1
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni ta' ross fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti għas-subperjodu minn Mejju 2008 bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007	3
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 443/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li ma jalloka l-ebda rifużjoni għall-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti regolata bir-Regolament (KE) Nru 581/2004	6
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jstabilixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal	7
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008	9
★ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 446/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jadatta ċerti kwoti tat-tonn fl-2008 skond l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 li jstabilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni	11

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 fir-rigward taż-żamma tal-kontijiet mill-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq u d-dħul u l-kundizzjonijiet għar-rifużjoni ta' l-infiq fil-qafas tal-FAEG u l-FAEŻR** 13

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jstipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u għall-albumina tal-bajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 15



I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 441/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	47,3
	TN	105,3
	TR	88,7
	ZZ	80,4
0707 00 05	JO	162,5
	TR	135,5
	ZZ	149,0
0709 90 70	EG	216,7
	TR	116,4
	ZZ	166,6
0805 10 20	EG	46,1
	IL	67,5
	MA	58,1
	MX	62,0
	TN	53,1
	TR	67,1
	US	66,2
	ZZ	60,0
0805 50 10	AR	154,2
	BR	156,0
	TR	155,8
	US	135,9
	ZA	133,4
	ZZ	147,1
0808 10 80	AR	94,4
	BR	89,5
	CA	75,2
	CL	93,7
	CN	67,0
	MK	60,4
	NZ	111,1
	US	112,7
	UY	76,8
	ZA	84,6
0809 20 95	US	470,7
	ZZ	470,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 442/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni ta' ross fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti għas-subperjodu minn Mejju 2008 bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (2) Għal dawn il-kwoti, previsti fil-paragrafi (1) u (2) ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007, it-tieni subperjodu jikkorrispondi għax-xahar ta' Mejju.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (3) Min-notifika magħmula skond l-Artikolu 16(a) tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007, jirriżulta li għall-kwota bin-numru tas-serje 09.4219 l-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Mejju 2008, skond l-Artikolu 2(1), jeċċedu l-kwantità ekwivalenti għal ross imqaxxar, superjuri għal dik disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantità mitluba.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tar-ross ⁽¹⁾,

- (4) Barra minn hekk, min-notifika msemmija hawn fuq, jirriżulta li għall-kwoti bin-numri tas-serje 09.4189 – 09.4190, it-talbiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Mejju 2008, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007 ma jaqbżux il-kwantità ekwivalenti għal ross imqaxxar il-kwantità disponibbli.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

- (5) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu ffissati l-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1529/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Istati li jgħamlu parti mir-reġjun Cariforum u mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCT) ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 15(1),

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1529/2007 fetaħ, għas-sena 2008, kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 187 000 tunnellata ross, espressi fl-ekwivalenti ta' ross imqaxxar, li joriġina mill-Istati li huma parti mir-reġjun Cariforum (numru tas-serje 09.4219), kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 25 000 tunnellata ross, espressi fl-ekwivalenti ta' ross imqaxxar, li joriġina mill-Antilli Olandiżi u mill-Aruba (numru tas-serje 09.4189) u kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 10 000 tunnellata ross, espressi fl-ekwivalenti ta' ross imqaxxar, li joriġina mill-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (OCTs) l-anqas żviluppatti (numru tas-serje 09.4190).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ta' ross li jaqgħu fl-ambitu tal-kwoti bin-numru tas-serje 09.4219 stipulati bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007, imressqa matul l-ewwel sebat ijiem ta' Mejju 2008, jagħtu lok għall-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba, assenjati skond il-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet disponibbli, fil-kuntest tal-kwoti bin-numri tas-serje 09.4219 – 09.4189 – 09.4190, stipulati bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007 għas-subperjodu tal-kwoti sussegwenti, huma stabbiliti bl-Anness għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat aħħar bir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1785/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Settembru 2008.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

⁽³⁾ ĠU L 348, 31.12.2007, p. 155.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ il-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX

Kwantitajiet li għandhom jiġu assenjati għas-subperjodu tax-xahar ta' Mejju 2008 u l-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu sussegwenti, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007

Orìġini/Prodott	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazżjoni għas-subperjodu ta' Mejju 2008	Kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Settembru 2008 (t'kg)
Pajjiżi li jgħamlu parti mir-reġiun Cariforum (l-Artikolu 1 (1) (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007) — kodiċijiet NM 1006 bl-eċċezzjoni tal-kodiċi NC 1006 10 10	09.4219	96,24216 %	62 333 003
OCT (l-Artikoli 1 (2)(a) u (b), tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007) — kodiċi NM 1006			
a) L-Antilli Olandiżi u Aruba:	09.4189	— ⁽²⁾	22 260 871
b) l-OCT l-anqas żviluppati:	09.4190	— ⁽¹⁾	10 000 000

⁽¹⁾ Ma japplikax il-koeffiċjent ta' allokazżjoni għal dan is-subperjodu: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

⁽²⁾ L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma anqas jew daqs il-kwantitajiet disponibbli. L-applikazzjonijiet kollha jistgħu għalhekk jiġu milqugħa.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 443/2008**tat-22 ta' Mejju 2008****li ma jalloka l-ebda rifużjoni għall-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti regolata bir-Regolament (KE) Nru 581/2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 31(3), it-tielet inċiż tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 581/2004 tas-26 ta' Marzu 2004 li jiftaħ stedina permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti tipi ta' butir ⁽²⁾, jipprovdni proċedura għal sejħa permanenti għall-offerti.
- (2) Skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 580/2004 tas-26 ta' Marzu 2004, li jstabbilixxi l-proċedura għall-offerti li tikkonċerna r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib ⁽³⁾ u wara

li ġew eżaminati l-offerti mressqa bi tweġiba għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tiġi allokata l-ebda rifużjoni għall-esportazzjoni għall-perjodu ta' sottomissjoni li jintemm fl-20 ta' Mejju 2008.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 581/2004 għall-perjodu ta' sottomissjoni li jintemm fl-20 ta' Mejju 2008, l-ebda rifużjoni ma hija allokata għall-prodotti u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament imsemmi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1152/2007 (ĠU L 258, 4.10.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 90, 27.3.2004, p. 64. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1543/2007 (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 62).

⁽³⁾ ĠU L 90, 27.3.2004, p. 58. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 128/2007 (ĠU L 41, 13.2.2007, p. 6).

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 444/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

li jistabbilixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tal-majjal⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 13(3), it-tieni inċiż, tiegħu;

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament imsemmi u l-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' l-esportazzjoni.
- (2) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq tal-laħam tal-majjal, kif osservata fil-preżent, jeħtieġ li jiġu definiti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni f'konformità mar-regoli u l-kriterji msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.
- (3) Skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet meta l-qagħda tas-suq dinji, jew l-esiġenzi speċifiċi ta' ċerti swieq, jagħmluha neċessarja li jinbidlu r-rifużjonijiet fuq il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, skond id-destinazzjoni.
- (4) Ir-rifużjonijiet ma għandhomx jingħataw għajr fuq il-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Komunità, u li jkollhom il-marka ta' sanità pprovduta fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew

u tal-Kunsill (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali⁽²⁾. Dawn il-prodotti jeħtieġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel⁽³⁾, kif ukoll tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 854/2004 tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman⁽⁴⁾.

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-laħam tal-majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma speċifikati fl-Anness ma' dan ir-Regolament, b'riserva tal-kundizzjoni magħmula fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-prodotti li jistgħu jgawdu minn rifużjoni skond il-paragrafu 1 jeħtieġilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u b'mod partikolari, jeħtieġilhom ikunu ppreparati fi stabbilimenti awtorizzati u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marka tas-sanità definiti fl-Anness I, Sezzjoni I, Kapitulu III, tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2). Ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Corrigendum fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1243/2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8).

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1. Corrigendum fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Corrigendum fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006.

ANNEX

Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal, applikabbli mit-23 ta' Mejju 2008

Il-kodiċi tal-prodott	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjoni
0203 11 10 9000	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 21 10 9000	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 12 11 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 12 19 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 19 11 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 19 13 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 19 55 9110	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 22 11 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 22 19 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 29 11 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 29 13 9100	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 29 55 9110	A00	EUR/100 kg	31,10
0203 19 15 9100	A00	EUR/100 kg	19,40
0203 19 55 9310	A00	EUR/100 kg	19,40
0203 29 15 9100	A00	EUR/100 kg	19,40
0210 11 31 9110	A00	EUR/100 kg	54,20
0210 11 31 9910	A00	EUR/100 kg	54,20
0210 19 81 9100	A00	EUR/100 kg	54,20
0210 19 81 9300	A00	EUR/100 kg	54,20
1601 00 91 9120	A00	EUR/100 kg	19,50
1601 00 99 9110	A00	EUR/100 kg	15,20
1602 41 10 9110	A00	EUR/100 kg	29,00
1602 41 10 9130	A00	EUR/100 kg	17,10
1602 42 10 9110	A00	EUR/100 kg	22,80
1602 42 10 9130	A00	EUR/100 kg	17,10
1602 49 19 9130	A00	EUR/100 kg	17,10

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje «A» huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 445/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2007/2008 ġew stabbiliti mir-Regola-

ment tal-Kummissjoni (KE) Nru 1109/2007 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 398/2008 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fi jdejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008, huma mmodifikati, u jinsabu fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1568/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 62).

⁽³⁾ ĠU L 253, 28.9.2007, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 118, 6.5.2008, p. 10.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti tal-kodiċi NM 1702 90 95 applikabbli mit-23 ta' Mejju 2008 'l quddiem

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	18,26	7,17
1701 11 90 ⁽¹⁾	18,26	13,16
1701 12 10 ⁽¹⁾	18,26	6,98
1701 12 90 ⁽¹⁾	18,26	12,65
1701 91 00 ⁽²⁾	21,72	15,20
1701 99 10 ⁽²⁾	21,72	9,85
1701 99 90 ⁽²⁾	21,72	9,85
1702 90 95 ⁽³⁾	0,22	0,42

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt II tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut fsakkarozju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 446/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

li jadatta ċerti kwoti tat-tonn fl-2008 skond l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika tas-Sajd Komuni⁽¹⁾ [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2007⁽²⁾ stabbilixxa l-ammont ta' tonn li seta' jinqabad matul l-2007 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-Lonġitudni 45° Punent, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti tas-sajd Komunitarji.
- (2) Franza u l-Italja qabżu l-kwoti tagħhom tat-tonn li setgħu jaqbd u fl-2007.
- (3) Fuq il-bażi ta' l-eżawriment tas-sehem Komunitarju, is-sajd għat-tonn mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Ċipru, il-Greċja, Spanja, Malta jew il-Portugall, inkella rreġistrati fihom, ġie pprojbit permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1073/2007⁽³⁾.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2007 daħal fis-seħħ qabel ma Ċipru, il-Greċja, Spanja, Malta u l-Portugall kienu

eżawrew il-kwoti tagħhom. Il-kwoti li ma setgħux jintużaw minn daww l-Istati Membri fl-2007 ammontaw għal 438,6 t.

- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008⁽⁴⁾ jstabbilixxi l-ammont ta' tonn li jista' jinqabad fl-2008 fiż-żoni kkonċernati.
- (6) Huwa xieraq li jsir tnaqqis mill-kwoti tat-tonn ta' Franza u l-Italja fl-2008 u li l-ammonti mnaqqsa jiġu allokati, kif xieraq, lill-Istati Membri li l-attivitajiet tas-sajd tagħhom twaqqfu qabel ma ġew eżawriti l-kwoti tagħhom.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tat-tonn (*Thunnus thynnus*) allokati lil Franza u l-Italja għas-sena 2008 għandhom jitnaqqsu u l-ammonti mnaqqsa għandhom jiġu allokati lill-Greċja, Spanja, Ċipru, Malta u l-Portugall għall-2008, kif jidher fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11), kif ikkoreġut bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 1533/2007 (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 21).

⁽³⁾ ĠU L 245, 20.9.2007, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

ANNEX

Stat Membru	Kwota adattata	Qabdiet 2007	Differenza Kwota-Qabdiet	Kumpens Intern 2008	Tnaqqis 2008	Kwota inizjali 2008	Kwota adattata 2008
Ċipru	154,70	0,60	154,10	154,10		149,44	303,54
Spanja	5 752,20	5 702,50	49,70	49,70		5 378,76	5 428,46
Franza	5 593,60	10 786,20	- 5 192,60		412,54 (94,06 %)	5 306,73	4 894,19
Il-Greċja	485,20	285,20	200,00	200,00		277,46	477,46
L-Italja	4 336,30	4 663,80	- 327,50		26,06 (5,94 %)	4 188,77	4 162,71
Malta	355,60	333,70	21,90	21,90		343,54	365,44
Il-Portugall	41,90	29,00	12,90	12,90		506,06	518,96
L-Istati Membri kollha	60,00	0,30	59,70			60,00	60,00
Total	16 779,50	21 801,30	- 5 021,80	438,60		16 210,76	16 210,76
Żejjed maqbud minn Franza	5 192,60 = 94,06 %						
Żejjed maqbud mill-Italja	327,50 = 5,94 %						
Total taż-Żejjed maqbud	5 520,10 = 100,00 %						

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 447/2008

tat-22 ta' Mejju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 fir-rigward taż-żamma tal-kontijiet mill-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq u d-dħul u l-kundizzjonijiet għar-rifużjoni ta' l-infiq fil-qafas tal-FAEG u l-FAEŻR

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(5) u (7) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006⁽²⁾ jipprovdi li r-rikapitulazzjoni tad-dejta (T103), imsemmija fil-paragrafu 2(b) ta' l-istess Artikolu, għandha tintbagħat lill-Kummissjoni wkoll fuq karta. Fidawl ta' żviluppi fil-proċeduri għall-komunikazzjoni ta' tagħrif bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif ukoll l-introduzzjoni ta' portal wieħed ta' aċċess għall-operaturi fis-sistemi informatiċi sikuri użati għall-iskopijiet ta' l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni, ir-rekwiżit li r-rikapitulazzjoni tintbagħat fuq karta ma għadux meħtieġ u għalhekk jista' jitneħħa, partikolarment meta jitqies il-piż amministrattiv li dan jinvolvi.

(2) L-Artikolu 150(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽³⁾ ġie emendat, u llum jippermetti li l-ispejjeż tal-ġestjoni regolari tal-FAEG jiġu allokati bil-quddiem mill-appropriazzjonijiet stipulati għas-sena finanzjarja ta' wara, sa massimu ta' tliet kwarti tat-total ta' l-appropriazzjonijiet korrispondenti għas-sena finanzjarja kurrenti. Biex jitqiesu dawk il-kundizzjonijiet ġodda applikabbli għall-ammonti allokati minn qabel, jeħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

(1) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

(2) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 114/2008 (ĠU L 33, 7.2.2008, p. 6).

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

(3) Għall-ħlasijiet diretti li għandhom isiru mis-sena 2007 'l quddiem, l-ammonti li jikkorrispondu għall-primjums fis-settur tal-prodotti tal-ħalib, u l-ħlasijiet addizzjonali previsti fl-Artikoli 95 u 96 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003⁽⁴⁾ li għandhom isiru lill-benefiċjarji, huma inklużi fl-iskema ta' pagament uniku, skond l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2005 tat-3 ta' Frar 2005 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' għajjnuna fis-settur tal-laħam fir-reġjuni l-aktar imbiegħda⁽⁵⁾, tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 793/2006⁽⁶⁾. Għaldaqstant, l-ammonti li jikkorrispondu għall-miżuri msemmija hawn fuq ma għandhomx jibqgħu jitqiesu fil-kalkolu tal-limitu tal-ħlasijiet diretti, kif ipprovdut fl-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006. Madankollu, dan il-kalkolu jista' jiġi adattat biex iqis id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jstabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005⁽⁷⁾.

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 883/2006 jiġi emendat.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4(3) jitħassar;

(4) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/2008 (ĠU L 90, 2.4.2008, p. 5).

(5) ĠU L 31, 4.2.2005, p. 6. Ir-Regolament imħassar mir-Regolament (KE) Nru 793/2006 (ĠU L 145, 31.5.2006, p. 1).

(6) ĠU L 145, 31.5.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1242/2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 5).

(7) ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

“3. Jekk it-total ta' l-infiq iddikjarat mill-Istati Membri, għas-sena finanzjarja li jmiss, jaqbeż it-tliet kwarti tat-total ta' l-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti, il-pagamenti allokatil bil-quddiem imsemmija fl-Artikolu 150(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-pagamenti ta' kull xahar korrispondenti għandhom jingħataw b'mod proporzjonali mad-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq, sal-limitu ta' 75% ta' l-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti. Il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont li ma jkunx ingħata bħala rifużjoni lill-Istati Membri fid-deċiżjonijiet rilevanti tagħha rigward ir-rifużjonijiet sussegwenti.”;

(3) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu (2)(b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) f'kull każ, il-ħlasijiet li jsiru matul is-snin finanzjarji N+2 'il quddiem ikunu eliġibbli għall-Istat Membru kkonċernat biss fejn ma jaqbūx il-limitu li ġejjin:

(i) il-limitu nazzjonali ta' l-Istat Membru, ipprovdut fl-Annessi VIII u VIIIa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-sena ta' qabel is-sena finanzjarja li matulha jsir il-ħlas, fil-każ ta' l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku kif imsemmija fit-Titolu III ta' dak ir-Regolament, jew

(ii) il-pakkett finanzjarju annwali ta' l-Istat Membru, stabbilit skond l-Artikolu 143b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għas-sena ta' qabel is-sena

baġitarja li matulha jsir il-ħlas, fil-każ ta' l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku msemmi f'dak l-Artikolu.

Skond il-każ, il-limitu nazzjonali jew il-pakkett finanzjarju annwali msemmi fil-punti i) u ii):

— jitnaqqas bil-modulazzjoni pprovduta fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,

— jitnaqqas bil-modulazzjoni volontarja pprovduta fil-Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007,

— jiżdied bl-ammont addizzjonali ta' l-għajnuna pprovdut fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,

— jiżdied bl-ammont addizzjonali ta' l-għajnuna pprovdut fl-Artikolu 1(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 378/2007,

— jiġi kkoreġut bl-aġġustament pprovdut fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1(1) japplika mis-sena baġitarja 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 448/2008**tat-22 ta' Mejju 2008****li jstipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u għall-albumina tal-bajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ⁽⁴⁾ stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

- (2) Minn kontrolli regolari ta' l-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skond l-oriġini. Jeħtieġ, għalhekk, li prezzijiet rappreżentattivi jiġu ppublikati.

- (3) Meta wieħed iqis s-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li tiġi applikata din l-emenda malajr kemm jista' jkun.

- (4) Il-miżuri pprovdu ti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KEE) Nru 2771/75 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KEE) Nru 2777/75 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽³⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 (ĠU L 305, 19.12.1995, p. 49).

⁽⁴⁾ ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 346/2008 (ĠU L 108, 18.4.2008, p. 18).

ANNEX

għar-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2008 li jistipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u għall-albumina tal-bajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

"ANNEX I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott	Prezz rappreżentattiv (EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (EUR/100 kg)	Orìġini ⁽¹⁾
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ 70 %, iffriżati	115,1	0	02
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ 65 %, iffriżati	112,9	2	01
		110,2	2	02
		125,4	0	04
0207 14 10	Qatgħat mingħajr għadam ta' tjur ta' l-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> (sriedak u tiġieġ), iffriżati	216,4	25	01
		256,9	13	02
		327,8	0	03
0207 14 50	Isdra tat-tiġieġ, friżati	316,4	0	01
		281,0	0	02
0207 14 60	Koxxox tat-tiġieġ, iffriżati	111,4	9	01
0207 25 10	Karkassi tad-dundjani 80 %, iffriżati	175,0	0	01
0207 27 10	Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati	320,0	0	01
		447,1	0	03
0408 11 80	Isfra mnixxfa tal-bajd	442,5	0	02
0408 91 80	Bajd imnixxef bla qoxra	466,3	0	02
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin ta' tjur ta' l-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> (sriedak u tiġieġ)	237,6	15	01
3502 11 90	Albumini mnixxfa tal-bajd	560,1	0	02

(¹) Orìġini ta' l-importazzjonijiet:

- 01 Il-Brażil
- 02 L-Arġentina
- 03 Iċ-Ċili
- 04 It-Tajlandja."